# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI SUPERJURI
# SEZZJONI ĠENERALI

## MAĠISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

**Illum it-Tlieta, 24 ta' Ottubru 2017**

**Rikors Ġuramentat Numru: 47/2016 PC**

**Louis u Eucharistica konjuġi Refalo**

**vs**

**John u Jeanette konjuġi Grima**

***sentenza in parte***

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors Ġuramentat li permezz tiegħu l-atturi, wara li ppremettew:

Illi permezz ta' skrittura ffirmata quddiem in-Nutar Dottor Josianne Mifsud fl-erbatax (14) ta' Settembru elfejn u ħamsa (2005) l-intimati rrikonoxxew li huma debituri tas-somma ta' ħamsa u għoxrin elf u ħames mitt Lira Maltin (Lm25,500), illum ekwivalenti għal disgħa u ħamsin elf tlett mija u disgħa u disgħin Euro u żewġ Euro ċenteżmi (€59,399.02ċ) li kienet lilhom mislufa, hekk kif jirriżulta mill-iskrittura mill-intimati hawn annessa u mmarkata bħala Dok. A;

Illi l-partijiet permezz ta' l-iskrittura privata hawn fuq riferita ftehmu li l-konvenuti għandhom jħallsu s-somma mislufa lura lill-atturi fi żmien ħames snin mid-data ta' dik l-iskrittura;

Illi f'każ li l-ammont jintradd lura entru l-perijodu stabbilit ta' ħames snin, l-interessi ma kienux ikunu applikabbli;

L-atturi kienu qablu li jsellfu lill-konvenuti din is-somma press li l-konvenuta Jeanette Grima hija bint l-atturi;

Illi minkejja t-trapass taż-żmien il-konvenuti baqgħu ma rritornawx is-somma lilhom mislufa;

Illi matul dan iż-żmien ir-relazzjoni bejn il-kontendenti sfortunatament marret għall-agħar;

Ili f'laqa' miżmuma fl-uffiċċju ta' l-Avukat Dr. Deborah Merciec, wara April 2015, li fiha kien hemm preżenti kemm l-atturi u kif ukoll il-konvenuti u l-Avukat Dr. Carmelo Galea u l-Avukat Dr. Deborah Mercieca, il-konvenuti ammettew li huma debituri tal-atturi għalkemm kien inqala' disgwid jekk u kif għandu jsir il-pagament tas-somma mislufa;

Illi minkejja dan din l-ammissjoni da parti tal-atturi, u minkejja wkoll diversi interpellazzjonijiet magħmula kemm b'ittra bonarja datata sittax (16) ta' Frar elfejn u sittax (2016) u kemm b'ittra uffiċċjali numru 250/2016 tat-tnejn (2) ta' Ġunju elfejn u sittax (2016), dana l-ammont baqa' ma tħallasx mill-konvenuti u għalhekk kellha ssir din il-kawża.

Talbu lill-konvenuti jgħidu għaliex m'għandhiex din il-Qorti:

1. Tiddikjara lill-konvenuti huma debituri ta' l-atturi għas-somma ta' disgħa u ħamsin elf tlett mija u disgħa u disgħin Euro u żewġ Euro ċenteżmi (€59,399.02ċ) rappreżentanti self brevi manu;

2. Tikkundanna lill-konvenuti sabiex iħallsu lill-atturi is-somma ta' disgħa u ħamsin elf tlett mija u disgħa u disgħin Euro u żewġ Euro ċenteżmi (€59,399.02ċ) għar-raġunijiet kif fuq dettaljati u l-imgħaxijiet kontra l-istess konvenuti mid-data ta' meta sar dovut il-pagament lura tas-somma mislufa sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-ittra uffiċċjali tat-tnejn (2) ta' Ġunju elfejn u sittax (2016) li minn issa inġunti in subizzjoni.

Rat ir-Risposta Ġuramentata tal-konvenuti li eċċepew:

1. Illi fl-ewwel lok in linea preliminari, it-talbiet attriċi huma preskritti a tenur tal-Artikolu 2156 (e) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-ewwel eċċezjoni, it-talba attriċi għall-ħlas tal-imgħax hija preskritta a tenur tal-Artikolu 2156 (d) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, fil-mertu l-esponenti qed jikkontestaw bil-qawwa kollha l-premessi u t-talbiet kollha tal-attriċi

bħala infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda in toto bl-ispejjeż kontra l-istess atturi.

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri fil-fatt u fid-dritt jekk ikun il-każ.

Rat id-digriet tagħha tat-23 ta' Mejju 2017 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza dwar l-eċċezzjonijiet preliminari tal-preskrizzjoni.

Rat in-Noti tal-Osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti dwar dawn l-eċċezzjonijiet.

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi d-dokumenti esebiti.

Ikkunsidrat:

Illi permezz ta' din il-kawża l-atturi qegħdin jittentaw jirkupraw mingħand il-konvenuti somma ta' flus li huma jgħidu li kienu selfuhom u li l-konvenuti qed jiċħdu li għandhom jagħtu.

Preliminarjament il-konvenuti eċċepew il-preskrizzjoni estintiva a tenur tal-attikolu 2156 (d) u (e) tal-Kap. 16, li jistipulaw li:

"**2156.** L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' ħames snin:
….
(*d*) l-azzjonijiet għall-ħlas ta' mgħaxijiet ta' somom meħuda b'self jew taħt titolu ieħor, u, in ġenerali, ta' dak kollu li jitħallas bis-sena jew kull tant żmien ieħor aqsar minn sena;

(*e*) l-azzjonijiet għar-radd ta' flus mogħtija b'self, jekk is-self ma jirriżultax minn att pubbliku;"

Fil-każ in eżami l-atturi qed ifittxu lill-konvenuti biex iħallsuhom flus li jgħidu li kienu sellfuhom bis-saħħa ta' skrittura privata,[1] u l-imgħaxijiet relattivi. Għalhekk huma tassew is-subinċiżi (d) u (e) tal-artikolu 2156 tal-Kap. 16 japplikaw għal każ in eżami. Il-konvenuti nfatti jikkontendu, kif anke jsostnu inekwivokament fin-Nota ta' sottomissjonijiet tagħhom,[2] li t-talba tal-atturi hija preskitta bil-perkors taż-żmien stipulat fil-liġi. Imma fejn qabel l-emendi fil-liġi li daħlu fis-seħħ iżjed kmieni din is-sena, f'tali ċirkostanzi kien imbagħad jispetta lill-atturi biex jippuvaw li din il-preskrizzjoni ġiet b'xi mod interrotta bir-rikonoxxximent espress jew taċċtu tal-konvenuti, illum il-ġurnata dan mhux biżżejjed. Dan għaliex l-artikolu 2160 tal-Kodiċi Ċivili, kif emendat,[3] issa jesiġi li:

[1] Ara Dok. A annessa mar-Rikors Ġuramentat a fol. 4 tal-proċess
[2] Ara Nota tal-14.08.2017 a fol. 29 – 37 tal-proċess
[3] Att Nru I u Att Nru. VIII tal-2017

"**2160.** (1) Il-preskrizzjonijiet imsemmija fl-artikoli 2147, 2148, 2149, 2156 u 2157, m'għandhomx effett jekk il-partijiet li jeċċepuhom, ma jagħtux ġurament minn jeddhom waqt il-kawża li mhumiex debituri, jew li ma jiftakrux jekk il-ħaġa ġietx imħallsa.

(2) Jekk il-ġurament jingħata mill-werrieta tal-persuna li tagħha l-attur jippretendi li kien kreditur, jew minn oħrajn li l-jeddijiet tagħhom ġejjin mingħand dik il-persuna, il-preskrizzjonijiet fuq imsemmija ma jkollhomx effett jekk huma ma jistqarrux li ma jafux li l-ħaġa għandha tingħata.

(3) Fil-proċeduri għall-ġbir ta' debiti li għalihom hemm referenza fil-proviso għall-artikolu 2156, meta parti tagħti ġurament li hija mhijiex debitur, din trid tagħti raġunijiet għaliex qed tqis lilha nnifisha li mhijiex debitur."

Fil-każ in eżami, pero', sakemm din il-kawża tħalliet għas-sentenza fuq dawn l-eċċezzjonijiet, kienet laħqet xehdet biss l-attriċi.[4] Il-konvenuti baqgħu ma xehdux minn jeddhom waqt is-smiegħ tal-kawża li mhumiex debituri, jew li ma jiftakrux jekk il-ħaġa ġietx imħallsa, kif jesiġi s-sub-inċiż (1) tal-artikolu 2160 hawn ċitat, u wisq anqas ma taw ir-raġunijiet tagħhom għaliex iqisu lilhom infushom li mhumiex debituri, kif jesiġi is-sub-inċiż (3) tal-istess artikolu. Anzi fl-udjenza tat-28 ta' Marzu 2017, il-legali tal-konvenuti ddikjara li m'għandux provi xi jressaq fuq l-eċċezzjonijiet tal-preskrizzjoni.[5]

Għalhekk f'dawn iċ-ċirkostanzi, l-Qorti ma jibqagħlha ebda għażla għajr li tiċħad iż-żewġ eċċezzjonijiet tal-preskrizzjoni mressqa mill-konvenuti, u tħalli l-kawża għall-kontinwazzjoni fuq il-mertu.

L-ispejjeż jibqgħu riservati għas-sentenza finali.

(ft) Paul Coppini
Maġistrat

(ft) Silvio Xerri
D/Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur



[4] Ara affidavit tagħha ppresentat fit-23 ta' Novembru 2016
[5] Ara verbal a fol. 19